



## GRUPP INFJORATURI GĦARB – ESPRESSJONARTI MALTA B'DISINN IEĦOR

Grupp Infjoraturi Għarb kkrejaw disinn li sar minn Michael Bajada bil-melħ ġewwa l-Kunsill Lokali l-Għarb. Din l-attivita' ġiet organizzata bit-tema "Dreaming of Tokyo" għar-raġuni li l-Grupp kien ser jattendi għall-kungress Internazzjonali tal-Infjorata ġewwa Tokjo, il-Ġappun bejn is-26 ta' Mejju u l-3 ta' Ġunju pero' minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19 tħassar kollox. Minkejja ir-restrizzjonijiet, il-grupp xorta ħadem fi gruppi żgħar f'ħinijiet differenti b'responsabilita' u mexa mad-direttivi tal-awtoritajiet tas-saħħa.

Il-Grupp ippreżenta x-xogħol tiegħu lill-Ambaxxatur Malti tal-Ġappun, Andre' Spiteri nhar is-Sibt 6 ta' Ġunju. Huwa qal li inizjattivi bħal dawn iqarrbu liż-żewġ popli.

## *GRUPP INFJORATURI GĦARB – ESPRESSJONARTI MALTA WITH ANOTHER DESIGN*

*Grupp Infjoraturi Għarb created another design by Michael Bajada with salt at the Local Council. The theme of this activity was "Dreaming of Tokyo". The reason for such theme was because the group was attending to the International congress of Infiorata in Tokyo, Japan between the 26th May and the 3rd June, 2020 but since we were in Covid-19 situation this was cancelled. In spite of all the restrictions, the group worked in small groups in different times with responsibility and followed the health authorities guidelines.*

*On Saturday 6th June, the Group presented their work to the Maltese Ambassador for Japan, Andre' Spiteri. He said that initiatives like these connect these countries more.*

## MANUTENZJONI TAL-ISQAQ

Peress li Sqaq numru 2 fi Triq Frangisk Portelli kien jinsab fi stat ħażin il-Kunsill wettaq xogħolijiet ta' manutenzjoni u sar wiċċ ġdid bil-konkos kif ukoll inbiddlu is-servizzi tal-ilma u fejn meħtieġ drenaġġ. Dawn ix-xogħolijiet saru permezz tal-ħidma sfiqa tal-ħaddiema tal-Kunsill tal-Għarb.

## *ALLEY MAINTENANCE*

*Since alley number 2 in Frangisk Portelli Street was in bad condition, l-Għarb Local Council implemented maintenance works with a new resurfacing of concrete and also water and drainage services were changed where necessary. These works were held by the Local Council's workers.*







inPrintMalta - Gharb - 7701 6000



# Il-Pjazza

Vol. 9 – Ġunju 2020 – No 2 Fuljett ta' informazzjoni mahrug mill-Kunsill Lokali ta' l-Gharb

*Vol. 9 – June 2020 – No 2* *Information leaflet published by l-Gharb Local Council*

**Is-Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u staff jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lir-residenti kollha ta' l-Għarb.**

***The Mayor, Deputy Mayor, Councillors, Executive Secretary and staff would like to wish all the Residents of Għarb best wishes for the Għarb Feast.***



Il-Kunsill Lokali l-Għarb qed jiffinanzja t-transmissjoni tal-programm imħejji mill-Parroċċa għal żmien il-festa. Din ser tkun imxandra fuq l-istazzjon tat-televixin Xejk. *GO Channel No: 107. Melita Channel No: 114. Programm dettaljat tat-trażmissjonijiet ser ikunu ppublikati mill-parroċċa.*

*L-Għarb Local Council is sponsoring the live streaming of the programm of the Visitation feast celebrations at Għarb Basilica on the television programm Xejk. GO Channel No: 107. Melita Channel No: 114. A detailed programm of the live streaming celebrations will be published by the parish.*

**Ikkuntattjana / *Contacts*: L-Gharb Local Council**
**Indirizz postali / *Postal address*:** L-Gharb Local Council, Visitation Street, L-Gharb, Gozo GRB 1044
**Indirizz tal-emejl / *Email address*:** gharb.lc@gov.mt • **Websajt / *Website*:** www.gharbnet.com
**Cempel servizz 24h / *Telephone 24h service*:** 21560556 • **Facebook:** Gharb Local Council



### APPOĠĠ GĦAD-DONATURI TAD-DEMM

Bejn id-9 u l-14 ta' Ġunju, l-Kunsill Lokali l-Għarb kien mixgħul aħmar b'appoġġ għad-donaturi tad-demm. Il-Kunsill iħeġġeġ lil dawk li jistgħu jagħtu d-demm biex jagħmlu dan.

### *SUPPORT OF BLOOD DONORS*

*Between the 9th and 14th June, l-Għarb Local Council was lit in red to support the blood doners. The Council encourage those that can give blood to do so.*

---

### RIKONOXXIMENT MILL-KUNSILL GĦAL JUM L-OMM U JUM IL-MISSIER

Bħala apprezzament il-Kunsill Lokali tal-Għarb qassam rigal żgħir fid-djar tar-residenti fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier.







### *APPRECIATION FOR MOTHER'S DAY AND FATHER'S DAY FROM THE COUNCIL*

*As an appreciation l-Għarb Local Council distributed a small gift in residents' homes for the occasion of Mother's Day and Father's Day.*

---

### KORSIJIET ONLINE GĦAL MATUL IS-SAJF

Din is-sena peress li ninsabu f'din is-sitwazzjoni tal-Covid-19 l-Kunsill ser ikun qed jorganizza korsijiet online. Dawk interessati li jipparteċipaw f'xi kors segwenti huma ġentilment mitluba jidħlu fil-website www.gharbnet.com biex japplikaw u jħallsu online.

- Reviżjoni u preparazzjoni għall-klassijiet tas-snin – 3, 4, 5 & 6
- Virtual Summer Club. Il-programm ser ikun ippublikat fil-jiem li ġejjin.

### ONLINE COURSES DURING SUMMER

**This year due to the Covid 19 circumstances the Local Council will be organising online courses. Those interested in participating are kindly requested to go on the Għarb website – www.gharbnet.com to apply and pay online.**

- Revision and preparation of years – 3, 4, 5 & 6
- Virtual Summer Club. The programm will be published in the coming days.







# AVVIZI – Notice Board

**IL-KUNSILL LOKALI L-GĦARB JIXTIEQ JAVŻA LI MILL-4 TA' LULJU SE TIDĦOL FIS-SEĦĦ L-ISKEDA TA' ĠBIR TA' SKART GĦAL MATUL IS-SAJF HEKK KIF SEGWENTI:**

***L-GĦARB LOCAL COUNCIL WOULD LIKE TO NOTIFY THAT AS FROM 4TH JULY THE SCHEDULE FOR SUMMER FOR REFUSE COLLECTION WILL TAKE PLACE AS FOLLOWS:***




---

### FTUĦ TAL-UFFIĊJU TAL-KUNSILL U TAL-LIBRERIJA GĦAL MATUL IS-SAJF

Il-ħinijiet tal-uffiċċju tal-Kunsill tal-Għarb huma hekk kif segwenti: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u 12.30pm u s-Sibt mit-8.00am sal-11.15am.

Il-Librerija ser tibda tkun miftuħa minn nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju sakemm ma navżawx mod ieħor. Il-Ħinijiet huma t-Tnejn bejn it-8.30am u n-12.30pm u s-Sibt bejn it-8.30am u l-11.00am.

### *LOCAL COUNCIL OFFICES OPENING HOURS FOR SUMMER*

*The offices of l-Għarb Local Council are open as follows: Monday to Friday between 8.00am to 12.30pm and Saturday from 8.00am to 11.15am.*

*The library will be open again from Tuesday 30th June unless we notify otherwise. The opening hours are every Tuesday between 8.30am and 12.30pm and every Saturday between 8.30am and 11.00am.*

---

### SERVIZZI/POSTIJIET MOGĦTIJA/MIFTUĦA MILL-ĠDID MIT-TNEJN 22 TA'ĠUNJU WARA LI KIENU SOSPIŻI MINĦABBA S-SITWAZZJONI TAL-COVID-19.

- Il-lattrina pubblika fi Triq Trux.
- Il-Playing fields ta' Triq Tumas Cassar u Triq Birbuba.
- Qed jitqassmu l-boroż tal-iskart organiku u riċiklaġġ bieb bieb. Dawk li mhux se jinsabu d-dar huma ġentilment mitluba javviċinaw lill-Kunsill Lokali.
- Ġbir ta' skart goff – Dawk li jixtiequ jibbenifikaw minn dan is-servizz huma mitluba jċemplu l-Kunsill Lokali biex jinkitbu u jingħataw data tal-ġbir.

---

- Is-servizz tal-Berġa għadu sospiż sakemm jinħareġ avviż ieħor.
- Il-lattrina ta' Ta' Pinu għadha tinsab magħluqa minħabba xogħolijiet ta' renovazzjoni.

### *SERVICES/PLACES ARE BEING OFFERED/ OPENED AS USUAL AS FROM MONDAY 22ND JUNE AFTER BEING SUSPENDED DUE TO THE SITUATION OF COVID-19.*

- *Public Convenience of Trux Street.*
- *Playing fields at Tumas Cassar Street and Birbuba Street.*
- *Organic/recycle bags are being distribuited door to door. Those residents that are not found at home are kindly requested to call the Local Council.*
- *Collection of Bulky service. Residents are requested to call the Local Council to register for this service.*

---

- *Għarb Clinic is still closed until further notice.*
- *Public Convenience of Ta' Pinu is still closed due to renovation works.*